**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 327/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**vs**

**Brandon Lee Zerafa**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Branden Lee Zerafa ta' sitta u għoxrin (26) sena, iben Steven u Marika xebba Mifsud Bonnici imwieled f'Tal-Pieta', Malta nhar il-ħamsa (05) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u disgħin (1998), bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0410298M

Akkuzat talli nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30hrs) u l-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (17:30hrs) minn ġewwa Triq il-Mina ta' Hompesch u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' bagalja tad-ditta Tommy Hilfiger kontenti diversi oġġetti, il-valur ta' liema ma jeċċedux l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u liema serqa seħħet minn ġewwa l-vettura Toyota Passo bin-numru tar-reġistrazzjoni FCN 636 għad-detriment ta' Mark-Kevin Camilleri u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jisraq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

Akkuzat ukoll talli nhar is-sitta (06) t'April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn it-tmienja ta' filgħodu (08:00hrs) u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) minn ġewwa l-ħanut 'Maypole' ta' Triq il-Mina ta' Hompesch u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq ta' *prodotti Nescafe* u dan għad-detriment ta' Roderick Sammut u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra;

Akkuzat ukoll talli nhar is-sebgħa (07) t'April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs) u s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs) minn ġewwa Triq il-Mina ta' Hompesch u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

4. Ikkommetta serq ta' mowbajl tad-ditta Samsung u card holder tad-ditta Rolex kontenenti dokumenti u credit cards liema serq huwa kwalifikat bil-valur liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u liema serqa seħħet minn ġewwa l-vettura Ford Mustang bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF181 għad-detriment ta' Renald Cutajar u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra;

5. Talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-gżejjer Maltin għamel qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali bi ħsara ta' Renald Cutajar u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra liema ħsara mhijiex aktar minn ħames mitt ewro (€500);

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Mark-Kevin Camilleri, Roderick Sammut, Renald Cutajar u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiż/a ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat Aaron Mizzi ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tat-30 t'April 2025 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, hlief li fir-rigward tal-imputazzjoni numru erbgha (4) l-imputat mhux qed jammetti li huwa seraq envelope kontenenti flus kontanti fl-ammont ta' hames mija u erbghin Euro (€540.00) mill-vettura msemmija fir-raba' imputazzjoni kif jghid ir-rapport tal-pulizija relattiv.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni parzjali tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' hames (5) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni parzjali tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet ix-xhieda u rat il-*pre-sentencing report* tal-ufficjal tal-probation Noelene Cassar fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2025.

8. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Kif diga inghad l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, hlief fir-rigward tal-imputazzjoni numru erbgha (4) li seraq envelope kontenenti flus kontanti fl-ammont ta' hames mija u erbghin Euro (€540.00) mill-vettura msemmija fir-raba' imputazzjoni kif jghid ir-rapport tal-pulizija relattiv.

10. Pero il-Qorti tosserva li fir-raba' imputazzjoni, l-imputat gie mixli li seraq *"mowbajl tad-ditta Samsung u card holder Rolex kontenti dokumenti u credit cards"* minn go vettura, u ma giex mixli wkoll li seraq l-ammont ta' €540.00 fi flus kontanti, u dan minkejja l-fatt li fir-rapport tieghu lill-Pulizija, il-vittma iddikjara li fil-vettura hu kellu wkoll envelopp bi flus kontanti fl-ammont ta' €540.00. Ghaldaqstant, ir-rizerva fl-ammissjoni li ghamel l-imputat hija irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, ghax ir-rizerva tirriferi ghal allegazzjoni li ma giex mixli biha.

11. Konsegwentament, fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti qieghda issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

12. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu sitta u ghoxrin (26) sena u ghandu fedina penali netta.

13. L-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

14. Fil-*pre-sentencing report* taghha, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk:

*"<u>Fatturi identifikati</u>*

*Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li t-trobbija ta' Branden kien wahda pjuttost instabbli u kaotika, ikkaratterizzata minn glied bejn il-genituri minhabba li missieru kien johrog jixrob u jilghab il-flus. ... ... Brenden jirrimarka li l-omm mhux l-ewwel darba li refghet idha fuqu, fejn jikkummenta li fih kienet tara lil missieru u dan iwassal ghall-abbuz fiziku fuqu. ... ... Minkejja li fil-prezent Dranden ghandu kuntatt maz-zewg genituri, jidher li hadd minnhom mhu lest li jaccettah gewwa daru ... ..., u dan minhabba li f'diversi okkazjonijiet hu kien jisraq lil ommu sabiex imanti l-vizzju tad-droga, fil-waqt li s-siehba ta' missieru ma tixtieqx li jerga' jinghaqad maghhom hekk kif kien qed johloq ambjent kaotiku ghalihom.*

*Mill-intervisti separati li saru ma' omm u missier Branden Lee Zerafa, hareg bic-car li l-imput ghaddihom minn zmien turbolenti immens, u dan primarjament minhabba l-vizzju tad-droga. It-tnejn ikkummentaw fuq il-fatt li Branden ghandu rasu iebsa u dan iwassal sabiex hu jaghzel it-triq tal-hazen. ... ... Fiz-zewg intervisti hareg li l-genituri t-tnejn baqghu prezenti f'hajjet Branden, anke fl-aghar zmien tieghu, fejn baqghu jipprovaw jghinuh u jaghtuh is-sapport taghhom. Prezentament, jirrizulta li fir-rigward tal-akkommodazzjoni, iz-zewg genituri mhumiex lesti li jaghtu saqaf lil bihon, izda il-missier jidher li huwa lest jhallas appartament lill-imputat ... .... Waqt l-intervisti gew irrimarkati certu aspetti li Zerafa ghandu jindirizza, u intant issemmiet is-separazzjoni bejn il-genituri, in-nuqqas ta' stabbilita, l-abbuz fiziku tal-omm u l-abbuz tad-droga. Finalment intqal li l-genituri tal-imsemmi t-tnejn bdew jistennew li l-vizzju ta' binhom kien ser iwasslu sabiex iwettaq certu kriminalita. Apparti minn hekk, it-tnejn jemmnu li*

*binhom ghandu jigi moghti sentenza ta' habs, bil-ghan li bihom isegwi programm residenzjali, ghaliex il-biza' taghhom hi li hekk kif jirritorna lura fil-komunita, il-probbabilita li jerga' lura fl-istess triq hija gholja.*

*Hekk kif prezentament, Zerafa jinsab il-habs, jidher li l-imgieba tieghu gewwa l-habs mhijiex tkun dejjem ideali, intant bejn it-28 ta' April sal-24 ta' Mejju 2025, huwa gie moghti (4) erba' rapporti ta' imgieba hazina ... ...*

*Fir-rigward ta' sahha fizika, Branden ihossu tajjeb u qatt ma bata minn ebda kundizzjoni medika. Fir-rigward ta' sahha mentali, l-imputat jghid li fil-passat kellu dipressjoni, pero prezentement jghid li jhossu tajjeb. Mill-informazzjni migbura jirrizulta li bhalissa hu preskritt xi medicina sabiex jikkontrolla l-burdati u d-dipressjoni. Mir-rekords tal-MCH jirrizulta li Branden kellu erba' ammissjonijiet f'dan l-isptar bejn Settembru 2024 u Marzu 2025.*

*Minn dak li spejga l-imputat, jidher bic-car li l-vizzju tal-loghob tal-azzard u kif ukoll tad-droga ilu jiddomina l-hajja tieghu mill-eta ta' sittax-il sena, fejn inizjalment kien qabad jabbuza permezz tal-hbieb pero jidher li l-problema baqghet dejjem teskala. Intant, matul is-snin esperimenta b'diversi sustanzi illegali, fejn semma s-sustanza tal-kannabis, kokaina, crack cocaine, sintetik u ecstasy. Haga li rrimarka l-imputat hija li huwa "jhobb id-droga" fejn minn kliemu semma li minkejja li kien jaf li "missejt il-qiegh", xorta baqa' jaghzel sabiex jabbuza mid-droga. Minkejja li prova jeghleb il-vizzju dan ma rnexxielux ghaliex id-droga "jhobbha wisq".*

*... ... Harsa lejn ir-rekords tal-kampjuni li ttiehdu lil Branden gewwa l-ASK, jirrizulta li dak li ttiehed mad-dhul tieghu fil-habs nhar il-11 ta' April 2025 kien irrizulta fil-pozittiv ghas-sutanza tal-kokaina, mentri wiehed izomm f'mohhu li s-sustanza sintentika ma timmarkax f'dawn il-kampjuni.*

*Minn kuntatt li saru mad-diversi Agenziji li jassistu nies bil-problema tad-droga, jigifieri l-Agenzija Sedqa, Caritas, Fondazzjoni tal-OASI u c-Centru tad-Detox jirrizulta li Braden kellu kuntatt maghhom kollha fi zminijiet differenti. Tajjeb li jinghad, li Zerafa anke prova jsegwi l-programm residenzjali offrut mill-Fondazzjoni OASI, madanakollu*

*wara tlett ijiem telaq mill-programm. Aktar ricenti huwa kien issieheb ukoll fil-programm residenzjali San Blas, izda l-imsemmi kien gie sospiz mill-programm u kien hemm pjan li jerga' jidhol. Madanakollu hekk kif l-imsemmi ma zammx mal-pjan ta' kura, dan il-pjan ma giex esegwit.*

*Fejn jidhol l-aspett ta' xoghol kellu tminn impjiegi mnizzlin bhala regolarizzati. Minkejja dan, irrizulta li l-perjodi li Branden kien ingaggat f'dawn l-impjiegi jvarjaw minn tliett gimghat ghal sentejn u hames xhur. Pero jissemma li sebgha minn dawn l-impjiegi hadem fihom ghal perjodu ta' inqas minn sitt xhur. Ghaldaqstant jista' jinghad li fejn jidhol impjieg Branden kellu certa instabbilita. ... ... Prezentament Branden ilu ma jahdem b'mod regolarizzat u legali minn Settembru 2024, ghaldaqstant hu kien jinsab dizokkupat qabel dahal il-habs, fejn intant gie rimarkat li hu ma setghax izomm impjieg minhabba l-vizzju li kellu.*

*... ... Madanakollu jigi nnutat li l-imsemmi m'ghandux motivazzjoni sabiex jindirizza l-problema serja li ghandu tad-droga, u intant irrimarka f'aktar minn okkazjoni wahda li huwa mhuwiex lest li jsegwi programm residenzjali. F'okkazjoni minnhom sahansitra ddikjara li jippreferi jiskonta sentenza ta' habs milli jsegwi programm residenzjali. F'sessjoni illi saret il-habs kien anke sahaq li la jirritorna lura fil-komunita, hu kien ser jirrikorri lura ghad-droga, mentri fis-sessjoni ta' wara kien sahaq li ser jipprova jzomm 'il boghod mid-droga, izda hekk kif hu bniedem impulsiv mhuwiex cert x'ser jigri. Izda jemmen li bl-ghajnuna ta' missieru, huwa kapaci jimxi fit-triq it-tajba.*

*Importanti li jissemma, li mill-informazzjoni migbura mill-professjonisti tal-habs involuti fil-kaz tal-imsemmi, it-tnejn sahqu li Branden ma kellu l-ebda intenzjoni li jieqaf milli juza d-droga u li apparti minn hekk, l-imsemmi ma kellu l-ebda motivazzjoni biex jinghaqad ma' programm ta' rijabilitazzjoni.*

*<u>Pjan ta' Kura</u>*

*Waqt it-thejjija ta' dan ir-rapport, gew identifikati numru t'aspetti f'hajjet l-imputat illi jirrikjedu attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' recidvizmu. F'dan l-istadju jinhass il-bzonn li Branden ghandu jindirizza diversi aspetti f'hajtu bl-ghajnuna ta'*

*diversi professjonisti. Ghaldaqstant f'dan il-kaz, il-pjan ta' kura ghall-imsemmi huwa li:*

- *Jindirizza l-vizzju akut tad-droga li jidher li ilu predominanti ghal diversi snin, liema vizzju qieghed ifixkel l-probabbilita li l-ikkoncernat jghix hajja stabbli. Ghaldaqstant, l-imsemmi jrid verament juri motivazzjoni sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga u kif ukoll tal-loghob tal-azzard, u dan billi jsegwi programm residenzjali.*
- *Jippartecipa f'sessjonijiet one-on one ma' psikologu/a biex jindirizza certu trawmi tal-passat kif ukoll distrub fil-personalita'.*
- *Trattament psikjatriku u jkompli jiehu l-medicina preskritta lilu.*
- *Jaghmel uzu b'mod ahjar mill-hin tieghu billi jingagga ruhu f'impjieg stabbli biex jghix hajja ta' bzulija u kif ukoll izomm 'il boghod mill-kumpanija ta' hbieb li kien jaghzel fil-passat;*
- *Ikun appoggjat minn social worker sabiex jinghata l-ghajnuna biex jinstablu appartament fejn jghix u possibilment jibda' jghix f'ambjent stabbli.*

*Rakkomandazzjoni*

*Jirrizulta lil-imsemmi jirrikjedi hafna ghajnuna, u f'dan l-istadju l-Ufficjal tal-Probation hija tal-fehma li Zerafa ghadu mhuwiex sod bizzejjed sabiex ikun jista' jkompli hajtu lura fil-komunita minghajr supervizjoni. Fid-dawl tal-akkuzi u c-cirkostanzi tal-imptutat, l-Ufficjal tal-Probation thoss li l-imsemmi jista' jibbenefika minn sentenza fil-komunita' u dan kemm-il darba jkun lest li juri kooperazzjoni u motivazzjoni biex jahdem fuq il-problemi tieghu.*

*Ghaldaqstant, qed ikun umilment rakkomandat sabiex l-imsemmi jinghata Ordni ta' Probation biex ikollu l-gwida u l-ghajnuna necessarja u dan sabiex ikun meghjun jindirizza l-problemi li ghandu, principalment il-problema tad-droga li jidher bic-car li hija l-kagun ewlieni li hu kien involut f'atti kriminali, u dan permezz ta' programm residenzjali.*

*Biss, f'dan il-kaz, jinhass il-bzonn li jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra sanzjoni fil-komunita, l-imputat jifhem sew x'inhuma l-obbligu tieghu fit-tali*

*ordni u jinforma lill-Qorti immedjatament jekk mhux be hsiebu li juri kooperazzjoni. Dan ghaliex, jekk ma jindirizzax il-problemi illi ghandu, jinhass li hemm riskju gholi li sitwazzjoni simili terga' tirrepeti ruhha.*

*Is-sottoskritta thoss il-bzonn ukoll li tigbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti, li fil-prezent minkejja li hemm diversi possibilitajiet ta' akkomodazzjoni, ghad ma hemmx konferma ta' fejn ser imur jirrisjedi la darba johrog barra fil-komunita."*

15. Il-Qorti tibda billi tirrileva li dan il-kaz ipprezenta sfidi partikolari meta giet biex teroga l-piena, ghax huwa kaz kumpless. Min-naha l-wahda l-imputat huwa zghazugh ta' sitta u ghoxrin (26) sena, li l-ewwel darba li xellef difrejgh mal-gustizzja fuq diversi reati ta' serq u frodi, li l-valur totali taghhom kif jirrizulta mill-atti huwa ta' cirka hames mitt Euro (€500.00) u li irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Cirkostanzi li *ceteris paribus* kollha jimmilitaw li din il-Qorti tabbracca r-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, u minflok piena karcerarja effettiva, timponi Ordni ta' Probation.

16. Min-naha l-ohra din il-Qorti hija rinfaccata b'zghazugh li ilu jabbuza mid-droga ghal ghaxar (10) snin, li ghandu diversi problemi akuti psikologici u psikjatrici li ghandu bzonn jindirizza, kif ukoll ghandu dipendenza akuta fuq sustanzi illeciti u l-loghob tal-azzard. Pero, l-imputat iddikjara apertament kemm mal-professjonisti tal-habs li qed jassistuh, kif ukoll lill-Ufficjal tal-Probation li m'ghandux intenzjoni li jaghmel programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-droga, minkejja li l-professjonisti kollha huma tal-opinjoni li dan huwa l-unika mod kif huwa jista' jehles minn dan il-vizzju u jgib lura l-istabbilita f'hajtu. Ghandha wkoll quddiemha imputat li fil-prezent lanqas ghandu prospetti reali ta' xoghol lest ghalieh u lanqas biss ghandu residenza fissa fejn jista' jmur joqghod jekk johrog mill-habs, ghax il-genituri tieghu ma jriduhx jghix maghhom minhabba l-problemi li qalghalhom bil-vizzju tieghu tad-droga, ix-*shelters* ma jridux jaccettawh lanqas minhabba l-istess raguni, u missieru lest li jhallaslu l-kera ta' appartament ghal massimu ta' xahrejn biss.

17. Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna, li min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha

isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtieg lill-pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.[1]

18. M'hemmx dubbju li d-difiza kienet leali, realistika u pragmatika b'mod ezamplari bil-mod kif agixxiet u s-sottomissjonijiet li ghamlet matul dawn il-proceduri. Pero l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li f'dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, l-imputat ma kellux incidenti kriminali ma hadd, u li l-imputat irnexxielu jzomm il-vizzju tieghu taht kontroll, hlief ghal dawn l-ahhar ftit xhur qabel gie arrestat. Huwa veru li din hija l-ewwel darba li ittiehdu passi kriminali fil-konfront tar-rikorrenti[2], pero l-istampa li temergi mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation turi bic-car li l-imgieba tal-imputat konsegwenza tal-abbuz tad-droga tieghu kellha tal-inqas effett negattiv qawwi fuq il-kwalita tal-hajja taz-zewg genituri tieghu u/jew il-familji rispettivi taghhom, u tant irrendielhom hajjithom kaotika, li illum il-gurnata l-ebda wiehed miz-zewg genituri ma jridu jghix iktar mieghu. In oltre, jirrizulta wkoll, li konsegwenza tal-abbuz tad-droga, l-imputat lanqas qed juri l-icken interess f'bintu ta' tminn (8) xhur, li spiccat giet mehuda mill-Agenzija Appogg, u prezentement tinsab ghand s-sorijiet tal-Ursolini. Dan kollu juri li matul dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, l-imputat ma kienx qed izomm il-vizzju tieghu taht kontroll, u l-konsegwenzi negattivi tal-vizzju tieghu kienu qeghdin ibatuhom fis-silenzju l-familja tieghu.

19. In oltre, bir-rispett kollu dovut lejn l-Ufficjal tal-Probation, din il-Qorti ghandha biss il-kelma tal-imputat li jrid jirriforma ruhu, minghajr ma jaghmel programm residenzjali. Fid-dawl tal-fatti fuq elenkati, din il-Qorti ma tqisx li din il-kelma hi bizzejjed konvincenti biex taghti lill-imputat affidament li mhux se jikser l-ordni ta' probation/supervizjoni jew/il-kundizzjonijiet tas-sentenza sospiza proposti. Il-hajja tal-imputat ghal dawn l-ahhar ghaxar snin kif tirrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, ma thalli l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-imputat m'hux kapaci jibda u jsegwi l-

[1] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzereno Micallef** deciza fit-28 ta' Novembru 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[2] Ghalkemm ghal kompletezza irid jinghad ukoll li mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li hemm ukoll proceduri kriminali ohra intavolati kontra l-imputat, li pero ghadhom ma nbdewx.

programm ta' riabbilitazzjoni jekk m'hux f'ambjent konfinat u kontrollat, bhalma hija l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi.

20. B'sens ta' lealta d-difiza issuggeriet piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, li tkun abbinata ma' ordni ta' supervizjoni, minflok ordni ta' probation. Pero wiehed irid izomm quddiem ghajnejn li ghal matul dawn l-ghaxar (10) snin li ilu jabbuza mid-droga, l-imputat qatt ma wera interess veru li jirriforma ruhu, u minkejja li diversi agenziji tawh l-ghajnuna b'mod attiv u effettiv ghal snin twal minn barra l-konfini tal-habs, l-imputat baqa' ma bbenefika xejn minnha. Fil-fatt huwa beda programm residenzjali darbtejn, u darba telaq wara tlett ijiem, u darb'ohra gie sospiz u ma regghax kompla l-programm. In oltre, matul dawn il-proceduri huwa iddikjara diversi drabi lill-professjonisti tal-habs li qed jippruvaw jghinuh u lill-Ufficjal tal-Probation li ma jridx jaghmel programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

21. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-opinjoni illi huwa biss jekk l-imputat ikun inkarcerat u mizmum ghalhekk taht supervizjoni kontinwa, li forsi jkun hemm cans ikbar li jindirizza il-problema li ghandu b'serjeta'. Il-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li toffri dan is-servizz. In oltre, din l-Agenzija toffri s-servizz ta' psikologu u psikjatra, u l-imputat diga qed jaghmel uzu minn dawn is-servizzi sabiex jindirizza d-diversi problemi li ghandu. Il-Qorti tispera li l-imputat jaghraf juzufruwixxi dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni sabiex jindirizza l-problema tieghu tad-droga u tal-loghob tal-azzard, kif ukoll problemi psikologici u psikjatrici ohra li ghandu.

22. Il-Qorti tixtieq tirrileva wkoll li hija ma tarax il-htiega li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trattament. Il-Qorti temmen li sabiex programm ta' riabilitazzjoni ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat. L-imputat diga ghandu l-care plan worker co-ordinator u l-psikjatra u l-psikologici tal-habs jassistuh biex jaghmel dan.

24. Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva li hi stabbiliet l-ammont ta' danni ikkagunati lill-vittmi b'riferenza ghal dak riportat mill-vittmi stess lill-Pulizija u dak li huma qalu lill-Ufficjal tal-Probation, kif jirrizulta mill-atti. Fil-kaz tar-raba' imputazzjoni mill-atti ma irrizultax il-valur tal-card holder tad-ditta Rolex li gie misruq, u ghalhekk dan gie stmat minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' hamsin Euro (€50.00). Renald Cutajar qal lill-Ufficjal tal-Probation li l-mobile tad-ditta Samsung, kien jiswa madwar mija u hamsin Euro (€150.00) u l-Qorti tqis li dan huwa valur ragonevoli ghal mobile ta' dik id-ditta. Ovvjament, il-Qorti ma haditx qies f'din is-sentenza tal-fatt li Renald Cutajar allega li insteraqlu wkoll l-ammont ta' €540.00 fi flus kontanti, u dan ghaliex, kif diga inghad, l-imputat ma giex mixli bis-serq ta' dawn il-flus, apparti li l-imputat ma ammettiex ghas-serq ta' dawn il-flus. Fil-kaz tal-hames imputazzoni, il-Qorti qieset biss l-ammont mehud b'qerq indikat fir-rapport tal-Pulizija, u mhux l-ammont indikat minn Renald Cutajar lill-Ufficjal tal-Probation.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 41(1)(a), 261(g) 271(g), 281(a), 284, 285, 261(c)(g), 271(g), 279(a), 280(1), 309 u 310(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

2. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil kull persuna hawn taht indikata, l-ammont indikat hdejn isem dik il-persuna, liema ammont jirrapprezenta il-qliegh illegali

maghmul minnu u/jew id-danni minnu kagunati fil-konfront ta' dik il-persuna, u dan kif ser jinghad:

- Mark-Kevin Camilleri - l-ammont ta' mija u ghoxrin Euro (€120.00)
- Renald Cutajar - l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00)
- Roderick Sammut - l-ammont ta' tletin Euro (€30.00)

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**